# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 39**

**Rikors kostituzzjonali numru 822/2021/1 GM**

**Salvino Micallef**

***v.***

**Avukat tal-Istat; u Joseph Stevens**

1. Dan huwa appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija fid-9 ta' Marzu 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-*sede* tagħha kostituzzjonali li sabet illi bejn is-sena 2001 u s-sena 2021 inkisru d-drittijiet fondamentali tal-attur imħarsin bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala rimedju ordnat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallas kumpens fl-ammont globali ta' sebgħa u għoxrin elf euro (€27,000). L-appell tal-attur jolqot il-

perjodu relevanti għall-finijiet tal-ksur, il-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti bħala danni pekunjarji u l-ispejjeż marbutin mal-perizja.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk minn l-ewwel qorti:

> »Ir-rikorrent wiret il-fond … Birkirkara mingħand il-ġenituri tiegħu u ġie assenjat lilu permezz ta' att ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Mallia datat 3 ta' Awwissu 2004.
>
> »Permezz ta' kuntratt tad-9 ta' Jannar 1980 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt, missier ir-rikorrent kien ikkonċeda b'titolu ta' sub-enfitewsi temporanja għal wieħed u għoxrin sena l-fond in kwistjoni lil Anthony Pirotta biċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm70 li kellu jiġi ridott għal Lm50 fis-sena dment li l-fond ikun okkupat mill-enfitewta u minn martu.
>
> »L-imsemmi Anthony Pirotta ttrasferixxa s-sub-enfitewsi temporanja lil Joseph Spiteri u Catherine Galea permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia tat-28 ta' Frar 1980.
>
> »Permezz ta' kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia fl-14 ta' Jannar 1985, Joseph u martu Catherine Spiteri ttrasferixxew is-sub-enfitewsi temporanja lill-konvenut Joseph Stevens.
>
> »Din il-konċessjoni temporanja skadiet fid-9 ta' Jannar 2001 iżda Stevens baqa' jirrisjedi fil-fond in kwistjoni a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 u dan peress li kien ċittadin Malti u ordinarjament residenti fil-fond in kwistjoni bil-kera ta' €163.05 fis-sena u fl-aħħar tas-sena 2003 telgħet għal €326.10 fis-sena u b'effett mis-sena 2013 il-kera awmentat għal €360 fis-sena.«

3. L-attur deherlu illi dan kollu huwa bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu hekk kif imħarsin bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni u bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrent l-operazzjonijiet tal-artikolu 12 partikolarment l-artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 u bl-Att X tal-2009, u bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti taw dritt ta' rilokazzjoni indefinita lil Joseph Stevens b'tali mod li ġie reż kważi impossibli għar-rikorrenti li jirriprendi l-pussess effettiv tal-fond … proprjetà tiegħu, u / jew li jirċievi kera ġusta għall-istess fond, minkejja l-ftehim ta' konċessjoni enfitewtika temporanja;
>
> »2. konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi illi ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrent għat-tgawdija tal-proprjetà … Birkirkara, bi vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-liġijiet ta' Malta);

»3. konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi illi il-konvenut Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 u tal-Att X tal-2009 li ma kreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, *stante* illi ma rriflettewx is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni *ai termini* tal-liġi;

»4. tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-liġi;

»5. tikkundanna lilil-konvenut Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk likwidati *ai termini* tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. L-Avukat tal-Istat ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»... … …

»»3. Tajjeb jingħad li skond il-*proviso* tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll, l-istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skond l-interess ġenerali. F'dan is-sens, huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-istess interess ġenerali.

»4. *Di più*, sa fejn l-ilment jirreferi għal allegat ksur tal-ewwel artkolu tal-Ewwel Protokoll, din il-qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni taż-żmien qabel it-30 ta' April 1987.

»5. Kif diġà ngħad, l-ostat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa fl-apprezzament tal-ħtiġijiet soċjali tal-pajjiż u fl-għażla tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġu indirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali, speċjalment f'każijiet fejn dawk il-miżuri jikkontrollaw l-użu tal-proprjetà. Tali diskrezzjoni m'għandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġonevoli. F'dan il-każ, l-esponent jisħaq li hemm bażi raġonevoli li tiġġustifika l-promulgazzjoni tal-leġislazzjoni li tinsab taħt skrutinju fil-kawża odjerna.

»6. *Di più*, din il-qorti m'għandhiex tevalwa l-liġijiet attakkati fil-kuntest ta' spekulazzjoni tal-proprjetà iżda għandha tiskrutinja u tapplika l-liġi f'qafas aktar wiesa' u *cioè* mill-aspett ta' proporzjonalità fid-dawl tar-realtà ekonomika, soċjali u storika tal-pajjiż. Huwa f'dan il-kuntest li jridu jitqiesu ukoll l-obbligi tal-istat li jiżgura li kull persuna jkollha akkomodazzjoni xierqa, li jipproteġi nies vulnerabbli minn *home-lessness* u li jissalvagwardja d-dinjità ta' inkwilini b'mezzi limitati.

»7. Tajjeb jingħad ukoll li bid-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018, mill-10 ta' Lulju 2018 'il quddiem, ir-rikorrent ċertament ma jistax jilmenta aktar dwar il-mod ta' kif il-kirja tista' tiġi awmentata. Bl-introduzzjoni tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent seta' jitlob lill-Bord li Jirregola l-Kera sabiex il-kera tiġi miżjuda għal ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur ħieles fis-suq miftuħ tal-fond ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha tiġi mressqa t-talba għaż-żieda fil-kera. Żieda b'din ir-rata żżomm bilanċ tajjeb bejn l-

interessi tas-sid u tal-kerrejja u dan partikolarment meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, bħalma huwa f'dan il-każ. F'każijiet simili, il-kumpens dovut lis-sid minħabba l-indħil fit-tgawdija ta' ħwejġu jiġbed lejh ammont li jkun inqas mill-vaur sħiħ tas-suq. Jidher li fit-23 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrent fetaħ il-proċeduri fl-ismijiet Salvino Micallef *v.* Joseph Stevens *et* (rikors 1069/2021 NB) quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera preċiżament sabiex ikun hemm dan l-awment. L-esponent b'ebda mod ma huwa responsabbli għall-intransiġenza tar-rikorrent u *cioè* li dam aktar minn tliet (3) snin minn meta daħlu l-emendi surreferiti biex jistitwixxi dawn il-proċeduri.

»8. B'żieda ma' dan kollu, l-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti s-setgħa lir-rikorrent titlob l-iżgumbrament tal-inkwilin f'każ li jintwera li l-istess inkwilin ma ħaqqux il-protezzjoni mill-istat.

»… … …

»10. Meqjus dan kollu, ma seħħ ebda ksur ... tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll u għaldaqstant, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

»11. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din il-qorti tqis li seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u li tali ksur għandu jiġi rimedjat bl-għoti ta' kumpens pekunjarju, dan il-kumpens irid jirrifletti:

»a) il-fatt li l-interferenza fit-tgawdija paċifika tal-proprjetà hi ġustifikata minn raġunijiet ta' interess pubbliku, u *cioè* li jiġu salvagwardjati persuni vulnerabbli minn *homeless-ness*;

»b) il-fatt li anke kieku l-proprjetà in kwistjoni kienet fil-pussess tiegħu, ma hemm ebda ċertezza li r-rikorrent kien jir-nexxielu jżomm l-fond in kwistjoni mikri lil terzi f'kull stadju;

»ċ) il-fatt li anke kieku r-rikorrent kienet kera il-proprjetà in kwistjoni lil terzi, kwalsiasi kera li kien jipperċepixxi kienet tkun suġġetta għat-taxxa;

»d) il-fatt li matul iż-żmien, ir-rikorrent xorta waħda rċieva xi kirjiet mill-inkwilin.

»12. *Di più*, għandu jkun hemm tnaqqis addizzjonali fil-kumpens jekk jirriżulta li kien hemm ċirkostanzi li abbażi tagħhom ir-rikorrent seta' jeżawrixxi [*sic*] ruħu mir-rimedji ordinarji mogħtija mil-liġi sabiex jitlob l-iżgumbrament tal-inkwilin.

»13. *In linea* mal-premess, in kwantu għal danni morali, għandu jittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrent għamel snin sħaħ mingħajr ma fittex rimedju u għalhekk jixhed il-fatt li ma ħassx wisq il-ksur tad-drittijiet tiegħu.

»14. *Di più*, kwalsiasi kumpens dovut lir-rikorrent għandu jkun limitat biss għall-perjodu li huwa kienet legalment entitolat jirċievi l-kera tal-fond in kwistjoni u skond sehmu fl-imsemmija proprjetà, sa mhux aktar tard mid-data li hu seta' japplika għal reviżjoni tal-kera quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, u *cioè* l-10 ta' Lulju 2018, u apparti minn hekk m'għandux ikun entitolat għal kumpens tal-antekawża tiegħu.

»… … …

»Bl-ispejjeż.«

5. Il-konvenut Joseph Stevens ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari, peress li t-talbiet kif proposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur huma limitati għal dikjarazzjoni ta' sejbien ta' leżjoni ta' dritt fundamentali u talba għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni, it-tnejn indirizzati b'mod speċifiku lejn il-konvenut l-Avukat tal-Istat, l-esponenti jeċċepixxi illi ġaladarba huwa m'hu qed jiġi indikat illi għandu jwieġeb għal ebda waħda mill-premessi u l-konsegwenzjali talbiet, huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> »2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fit-tieni lok u fil-mertu, għal finijiet ta' korrettezza, l-esponenti jiddikjara illi huwa minnu li huwa jokkupa l-fond mertu tal-kawża b'titolu validu ta' kera, kif indikat fir-rikors promotur.
>
> »3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fit-tielet lok, u fil-mertu wkoll, l-esponenti qiegħed għal kull buon fini jagħmel tiegħu l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut l-Avukat tal-Istat fir-risposta preżentata fis-17 ta' Jannar 2022;
>
> »4. Fl-aħħar nett u fir-raba' lok, tenut kont tan-natura tat-talbiet, l-esponenti jeċċepixxi illi huwa m'għandu jagħmel tajjeb għal ebda sehem mill-ispejjeż ta' dina l-kawża.«

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »... taqta' u tiddeċiedi din l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti konformement ma' dak hawn fuq deċiż, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segenti:
>
> »1. tiddikjara … li l-fatti suesposti u l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lilil-konvenuti Mallia u għalhekk jagħtu lok u jikkostitwixxu ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »2. tiddikjara … li il-konvenuti [Stevens] ma jistgħux jibqgħu jibbażaw l-okkupazzjoni tagħhom tal-fond … fuq il-protezzjoni mogħtija lilhom bid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu l-applikazzjoni ta' din il-liġi hija inkonsistenti mal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kapitolu 319 tal-liġijiet ta' Malta;
>
> »3. tiddikjara … illi il-konvenut Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-ħlas ta' kumpens u *cioè* id-danni pekunarji u non-pekunarji sofferti mir-rikorrenti;
>
> »4. tillikwida d-danni pekunarji fis-somma ta' tlieta u sittin elf, tliet mija u ħdax-il euro (€63,311) u d-danni non-pekunarji fis-somma ta' għaxart elef eyro (€10,000);
>
> »5. tikkundanna lilil-konvenut Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' tlieta u sebgħin elf, tliet mija u ħdax-il euro

(€73,311) rappreżentanti danni pekunarji u non-pekunarji kif deċiż hawn fuq.

»L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati milil-konvenut Avukat tal-Istat.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li huma relevanti għall-appell tal-Avukat tal-Istat u li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»… … … il-qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti imponew fuq l-atturi piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-istat naqas milli jibbilanċja l-interess ġenerali mal-interess tagħhom.

»Likwidazzjoni tal-kumpens:

»Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta' €175,000. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 2001 sa 2021 tela' minn €1,208 għal €6,125.

»Fid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropea, Cauchi *v.* Malta tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjetà kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-ewwel qorti fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil.

»Bħala konsegwenza tal-fatt li l-istat kiser id-drittijiet tal-atturi kif sanċiti mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropea, u art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-qorti qiegħda tistabbilixxi li il-konvenut Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrent kumpens pekunjarju li jammonta għal sitta u għoxrin elf euro (€26,000). Dan l-ammont inħadem kon-formement mal-prinċipji suesposti.

| »Mis-sena | sas-sena | valur lokatizju | kera mħallsa |
|---|---|---|---|
| »2001 | | €1,208 | €163.05 |
| »2002 | 2006 | (€1,694 × 5) €8,470 | 2002-2003 (€163.05 × 2) = €326.10<br>2004-2006 (€326.10 × 3) = €978.30 |
| »2007 | 2011 | (€2,375 × 5) €11,875 | (326.10 × 5) = €1,630.50 |
| »2012 | 2016 | (€3,332 × 5) €16,660 | 2012 - €326.10<br>2013-2016 (€360 × 4) = €1,440 |
| »2017 | 2020 | (€4,673 × 4) | (€360 × 5) = €1,800 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | €18,692 | |
| »2021 | | €6,125 | €360 |
| | | | |
| »Total | | €63,030 | €7,024.05 |

»2001-2004

»€6,290 – €815.25 = €5,474.75

»€5,474.75 – 35% = €3,558.59

»€3,558.59 – 20% = €2,846,87/9 = €316.32

»2005-2021

»€56,740 – €6,208.80 = €50,531.12

»€50,531.12 – 35% = €32,845.28

»€32,845.28 – 20% = €26,276.22 + 316.32 = €26,592.54 = **€26,000**

»Id-dannu morali li jkun ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' €1,000.**«**

8. L-Avukat tal-Istat appella b'rikors tat-13 ta' Marzu 2023 li għalih l-attur wieġeb fl-24 ta' Marzu 2023.

9. L-ewwel aggravju tal-Avukat tal-Istat jolqot il-perjodu relevanti għall-finijiet tal-ksur tad-drittijiet fondamentali tal-attur, u ġie mfisser hekk:

> »Dan l-aggravju mhuwiex fuq id-dikjarazzjoni tal-ewwel qorti li kien hemm ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll jew tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, iżda fuq iż-żmien ta' meta seħħet din il-leżjoni, u dan partikolarment għaliex dak implikat fis-sentenza huwa li l-emendi tal-Att XXVII tal-2018 huma jew kienu leżivi tad-drittijiet fundamentali tal-appellat Micallef.
>
> »L-esponent jikkontendi li, għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 158 kienu kkontrollaw il-fond in kwistjoni b'manjiera leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-appellat Micallef, din il-leżjoni ċertament waqfet mal-introduzzjoni tal-artikolu 12B, liema artikolu daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2018.
>
> »Kien proprju bl-introduzzjoni tal-artikolu 12B li sid seta' jitlob lill-Bord li Jirregola l-Kera sabiex l-kera tiġi miżjuda għal ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur ħieles tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha tiġi mressqa t-talba għaż-żieda fil-kera. Apparti minn hekk, b'dawn l-emendi sid seta' jitlob ukoll li jieħu lura l-post u ma jġeddidx il-kirja, jekk juri li l-inkwilin ma ħaqqux li jkollu protezzjoni mill-Istat.

»Din il-qorti ripetutament ikkonfermat li l-artikolu 12B huwa rimedju xieraq, effettiv u jiżgura bilanċ bejn l-interessi tas-sidien u l-inkwilini. Fis-sentenza ta' Gerald Camilleri *et v.* Avukat Ġenerali et, din il-qorti osservat:

> »"Il-fatt illi jista' jkun illi fis-suq ħieles tista' ssib lil min jista' u huwa lest li jħallas b'kera daqs erbgħa fil-mija (4%) fis-sena ta' kemm jiswa l-fond mikri, ma jfissirx illi ma hemmx sezzjoni mdaqqsa tal-popolazzjoni li ma tiflaħx tħallas daqshekk, u għalhekk, meta tqis ukoll il-valur soċjali tal-akkommodazzjoni, jibqa' meħtieġ li jkun hemm forma ta' kontroll fuq iż-żjidiet fil-kera. F'suq tassew ħieles il-prezz li jitħallas għal oġġett jew servizz – fil-każ tallum il-kera – ma huwiex wieħed aritmetikament fiss, fis-sens li dejjem sejjer ikun bejn tlieta u nofs u erbgħa fil-mija (3.5-4%) iżda jiddependi mid-domanda u d-disponibilità, u għalhekk ma hemm xejn minqux fil-ġebel illi sid il-fond sejjer isib dejjem li jikrih b'kera ta' bejn tlieta u nofs u erbgħa fil-mija tal-valur kapitali.
>
> »"Il-qorti għalhekk taqbel mal-Avukat tal-Istat illi d-disposizzjonijiet ta' l-art. 12B tal-Kap. 158 joħolqu mekkaniżmu li jippermetti lis-sid li jdaħħal kera xieraq, meqjusa wkoll il-ħtiġijiet u l-għanijiet soċjali."

»… … …

»Abbażi ta' din il-ġurisprudenza kostanti, għandu joħroġ biċ-ċar illi l-ewwel qorti kienet żbaljata meta sabet li kien hemm leżjoni wara l-1 ta' Awwissu 2018.

»Għalhekk, l-esponent huwa tal-fehma li din il-qorti għandha tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn instabet leżjoni sal-2021 u, minflok, għandha tiddikjara li tali leżjoni ssustixxiet sa qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018.«

10. L-attur wieġeb hekk għal dan l-aggravju:

»Dan l-aggravju qed igħid li meta ġie fis-seħħ l-artikolu 12B tal-Kap. 158, il-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-attur waqfet, għax kien hemm rimedju disponibbli għalih li seta' rrikorra għalih.

»L-appellat ma jaqbilx ma' din il-posizzjoni.

»Għalkemm lejn l-aħħar tas-sena 2018 daħal fis-seħħ l-artikolu 12B li pprova jindirizza s-sitwazzjoni – għalkemm fl-umli fehma tal-esponenti dan xorta ma sarx – anke kieku l-appellat malli sar jaf li ġie fis-seħħ dan l-artikolu 12B, xorta kien fil-pratiċità jkollu d-drittijiet tiegħu leżi bl-istess mod.

»Fil-verità dak li jgħid l-appellanti fir-rikors tal-appell tiegħu huwa tejoretiku u ma jirriflettix dak li jiġri fir-rejalta.

»L-verità hija li għalkemm sid ta' fond bħalma huwa l-attur jiftaħ proċeduri a bażi tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 għal reviżjoni tal-kera, ir-rimedju li jingħata mhux daqstant instantanju daqs kemm jaspira l-Avukat tal-Istat. Is-sentenza tal-bord tagħti l-awment mid-data tas-sentenza. Dan ifisser li anke kieku l-appellat għamel proċeduri quddiem il-Bord tal-Kera lejn l-aħħar tas-sena 2018, probabilment, dejjem jekk ma jkunx hemm appell, ma kienx ikun f'posizzjoni li jirrivedi l-kera wisq qabel is-sena 2021. Din hi r-rejaltà.

> »B'hekk wieħed irid iħares lejn il-posizzjoni b'mod rejalistiku u mhux utopiku, għax hawnhekk qed nirmedjaw leżjoni ta' drittijiet fondamentlai li ilhom jiġu infranti snin twal, u li ħallew lill-appellat għomru imċaħħad minn dak li ġustament kien tiegħu.
>
> »Irid jingħad ukoll li l-anqas huwa ġust li dal-punt jiġi trattat issa f'dan l-istadju, għax semmai messu ġie trattat meta ġie mqabbad il-perit biex jistma l-fond, u l-appellant messu għamilha ċara li kien qed jaċċetta biss sal-aħħar tas-sena 2018, u l-punt kien jiġi dibattut f'dak l-istadju.
>
> »B'hekk l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.«

11. L-ewwel aggravju tal-Avukat tal-Istat jistħoqq illi jintlaqa'.

12. Fir-rikors promotur tiegħu l-attur ma jilmentax dwar l-applikazzjoni tal-art. 12B tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [Kap. 158] għaċ-ċirkostanzi tal-każ tallum iżda jitlob lill-qorti sabiex "tiddikjara … illi fil-konfront tar-rikorrent l-operazzjonijiet tal-artikolu 12 partikolarment l-artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 u bl-Att X tal-2009, u bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti taw dritt ta' rilokazzjoni indefinita lil Joseph Stevens ... b'tali mod li ġie reż kważi impossibbli għar-rikorrenti li jirriprendi l-pussess effettiv tal-fond... proprjetà tiegħu, u / jew li jirċievi kera ġusta għall-istess fond ... … …".

13. Fir-rikors promotur tiegħu l-attur jitlob ukoll lill-qorti, fost affarijiet oħra, sabiex "tiddikjara … illi l-konvenut Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 u tal-Att X tal-2009 li ma kreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, *stante* illi ma rriflettewx is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni *ai termini* tal-liġi".

14. Huwa ċar għalhekk illi l-attur ma fetaħx il-kawża tallum sabiex jilmenta dwar il-ksur li seta' sofra wara d-dħul fis-seħħ tal-art. 12B tal-Kap. 158 fl-1 ta' Awwissu 2018 bl-Att XXVII tal-2018. iżda biss sabiex jilmenta dwar il-

ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu li sofra qabel l-1 ta' Awwissu 2018. Likieku ried jilmenta wkoll dwar id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 158 hekk kif ġew emendati, ċertament li kien isemmi dan l-Att u l-art. 12B tal-Kap. 158 fir-rikors promotur tiegħu.

15. Dwar iż-żmien wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi sakemm tingħata sentenza mill-Bord li jirregola l-Kera li żżid il-kera, biżżejjed ngħidu illi l-art. 12B(6) tal-Kap. 158 jagħti lill-bord is-setgħa illi "jordna l-ħlas ta' żieda fl-ammont tal-kera waqt il-pendenza tas-smigħ ta' rikors", u l-attur għalhekk seta' għamel talba f'dan is-sens lill-bord.

16. Fil-każ tallum kien biss fit-23 ta' Diċembru 2021 li l-attur iddeċieda li jmexxi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera  u ma kien hemm xejn x'iżommu milli jiftaħ dawn il-proċeduri qabel u milli jitlob li l-bord iżid il-kera *pendente lite*.

17. Għalhekk, il-perjodu relevanti għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tal-attur huwa mid-9 ta' Jannar 2001 (meta skadiet il-konċessjoni enfitewtika tad-9 ta' Jannar 1980) sa meta daħal fis-seħħ l-art. 12B tal-Kap. 158 fl-1 ta' Awwissu 2018.

18. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tal-Avukat tal-Istat li jolqot il-kumpens likwidat mill-ewwel qorti bħala danni pekunjarji, li ġie mfisser hekk:

> »It-tieni aggravju huwa dwar il-kumpens likwidat mill-ewwel qorti.
>
> »Fis-sentenza tagħha, *in vista* tal-ħsieb żbaljat li l-leżjoni kompliet isseħħ anke wara l-emendi tal-Att XXVII tal-2018, fil-kalkoli tal-kumpens pekunjarju ttieħdu l-bqija tas-sena 2018 kif ukoll is-snin 2019, 2020 u 2021.
>
> »Kif diġà ġie spjegat fl-aggravju preċedenti, l-appellat Micallef kellu rimedju xieraq fl-1 ta' Awwissu 2018. Irrispettivament jekk fetaħx proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera f'dak iż-żmien jew le, l-

appellat Micallef kellu dan ir-rimedju, u l-esponent ma għandux jiġi kkundannat iħallas danni pekunjarji minħabba l-inadempjenza tiegħu.

»Konsegwentement, din il-qorti għandha tvarja l-kumpens pekunjarju likwidat billi tirriduċih, u dan billi tikkalkulah sal-1 ta' Awwissu 2018.

»Fil-fehma tal-esponent, id-danni pekunjarji għandhom jinħadmu hekk:

| | |
|---|---|
| »Total tal-valur lokatizzju minn 2001 sa Lulju 2018 (1/9 għas-snin ta' 2001, 2002 u 2003 peress li l-appellat Micallef ma kienx sid assolut) | €41,526.60 |
| »Riduzzjoni ta' 30% (għan leġittimu) | €29,068.61 |
| »Riduzzjoni ta' 20% (ebda ċertezza) | €23,254.89 |
| »Tnaqqis tal-kirjiet perċepiti (€5,910) | €17,344.74 |
| | |
| »Total dovut | €17,344.74 |

19. L-attur wieġeb hekk għal dan l-aggravju:

»*Una volta* l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud, m'għandu jkun hemm ebda reviżjoni għal-likwidazzjoni tad-danni ordnati.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost, kieku kellu jsir tibdil fil-likwidazzjoni, it-tibdil li għandu jsir għandu jkun ferm inqas minn dak prospettat mill-appellanti.

»Rejalment wieħed irid jara meta, kieku l-appellat pproċeda għall-awment fi żmien raġonevoli minn meta għadda l-Att XXVII tal-2018, kien fil-fatt jieħu l-awment li għalih kien intitolat. Semmai minn dakinhar il-quddiem għandu jitnaqqas u xejn iktar. Ma jagħmilx sens, jew ġustizzja li l-kumpens jieqaf ħesrem fl-1 ta' Awissu 2018.

»Rejalistikament wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu li mill-bidu tas-sena 2020 ġiet fis-seħħ il-*Covid*, ix-xogħol tal-qorti prattikament sfratta kollu, u kienet din ir-raġuni għalfejn l-attur, raġel anzjan, intavola l-proċeduri odjerni meta fil-fatt intavolahom.

»Kieku l-għada li għadda l-Att XXVII tal-2018, f'Lulju 2018, l-appellat mar għand avukat u fetaħ il-kawża lejn l-aħħar tal-2018, x'aktarx ma kienx jieħu sentenza mill-bord qabel nofs is-sena 2020 – dejjem jekk il-proċeduri ma jinqabdux bid-dilazjoni tal-*Covid* li kollha għaddejna minnha. Anke t-termini tal-qorti ġew sospiżi għal dal-perjodu.«

20. Din il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat tal-Istat fis-sens illi l-kumpens dovut lill-attur għandu jitnaqqas għal sehem minn disgħa (1/9) għas-snin 2001 sas-sena 2003 billi f'dawk is-snin li l-attur ma kienx sid waħdu tal-fond. dan qiegħed jinħgad fid-dawl ta' dak li jgħi du jrid l-art 946 tal-Kodiċi Ċivili:

> »**946**. Kull wieħed mill-werrieta hu magħdud suċċessur waħdu u dirett fil-beni kollha li jagħmlu s-sehem tiegħu, jew li messu lilu b'liċitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-oħra tal-wirt.« [1]

21. Maħdum bil-kriterji ta' Cauchi, u wara li tqis dak li daħħal jew li seta' jdaħħal l-attur, it-telf li ġarrab l-attur għall-perjodu bejn id-9 ta' Jannar 2001 meta għalaq iċ-ċens sal-1 ta' Awwissu 2018 huwa qrib dsatax-il elf u tmien mitt elf euro (≈ €19,800), kollox kif muri fi Skeda A mehmuża ma' din is-sentenza biex titqies parti minnha.

22. Ma' dan l-ammont għandu jiżdied il-kumpens non-pekunjarju likwidat mill-ewwel qorti fl-ammont ta' elf euro (€1,000). Minn din il-parti tas-sentenza ma sar l-ebda appell.

23. Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji li jmissu lill-attur fl-ammont ta' għoxrin elf u tmien mitt euro (€20,800) minflok sebgħa u għoxrin elf euro (€27,000) likwidat mill-ewwel qorti.

24. Ngħaddu issa għat-tielet u l-aħħar aggravju tal-Avukat tal-Istat li jolqot il-mod ta' kif l-ewwel qorti ordnat li għandhom jitħallsu l-ispejjeż tal-perizja, li ġie mfisser hekk:

> »It-tielet aggravju jirrigwarda l-ispejjeż, senjatament l-ispejjeż tal-perizja.
>
> »Kif diġà ġie spjegat, il-perjodu rilevanti għal-leżjoni f'din il-kawża huwa għas-snin bejn l-2001 u l-2018. Dan għaliex fid-9 ta' Jannar 2001 iċ-ċens temporanju skada u għahekk daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet protettivi tal-Kap. 158 filwaqt li tali leżjoni indubitament intemmet bid-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018 għar-raġunijiet mogħtija fl-aggravji preċedenti.
>
> »Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2022, l-appellat Micallef talab li jinħatar perit għall-perjodu "mill-1987 sal-lum, kull ħames snin". Minħabba din l-għażla tal-appellat Micallef, l-ispejjeż tal-perizja kibru għal xejn.

---

[1] Ara *e.g.* Karin Spiteri Maempel *et v.* Avukat tal-Istat *et* Kost. 31 ta' Mejju 2023 (rik. kost. nru 340/2021).

»Għalhekk, l-esponent huwa tal-fehma li m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-perizja fl-intier tagħhom iżda għandhom jiġu ridotti. Għal kull buon fini, l-esponent iqis li ladarba l-appellat Micallef talab li jiġu vvalutati erbgħa u tletin (34) sena (1987-2021) meta effettivament il-leżjoni eżistiet għal sbatax-il (17) sena biss (2002-2018), l-ispejjeż tal-perizja għandhom jinqasmu indaqs bejnu u l-appellat Micallef.«

25. L-attur wieġeb hekk għal dan l-aggravju:

»L-appellant messu għamilha ċara meta kien qed jiġi maħtur il-perit li hu kien qed jinsisti li l-valutazzjoni kellha tasal sal-aħħar tas-sena 2018, jekk emmen hekk; madankollu ma ntqal assolutament xejn. L-ewwel qorti fil-fatt ħatret lill-perit sabiex "jirrelata dwar il-valur kummerċjali tal-post in kwistjoni kif ukoll il-valur lokatizzju mis-sena 2001 sallum b'intervalli ta' ħames snin".

»L-appellant kellu f'dak l-istadju jirriserva l-posizzjoni tiegħu, u mhux issa qed jagħmel dan.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost, però anke kieku wieħed kellu jaċċetta l-argumenti tal-appellanti, il-kont tal-perit marġinalment kien ser jitbiddel u żgur li ma kienx ser jiġi affetwat bil-metà kif qed jippretendi l-appellant.

»Għal dir-raġuni wkoll, minbarra r-raġunijiet imqajma iktar 'il fuq, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.«

26. Għalkemm huwa minnu illi l-attur talab illi jinħatar perit biex jistma l-valur lokatizju għas-snin mill-1987 sal-2022, il-qorti ordnat illi l-istima ssir mill-2001 u għalhekk effettivament l-attur talab stima għal madwar tliet snin u nofs biss żejda, minn Awwissu tal-2018 sa Frar tal-2022. Id-differenza hija waħda marġinali u ma jirriżultax illi l-ispejjeż żdiedu sostanzjalment minħabba f'hekk. Il-qorti għalhekk ma tarax illi għandha tilqa' dan l-aggravju[2].

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara li l-ksur tad-drittijiet fondamentali tal-attur seħħ għall-perjodu ta' bejn id-9 ta' Jannar 2001 sal-1 ta' Awwissu 2018 u tillikwida l-kumpens

---

2 Ara *e.g.* Rosaria *sive* Maria Rosaria Sammut *et v.* Joseph Borg *et*, Kost. 12 ta' Lulju 2023 (rik. kost. nru 25/2022); Francis Attard *v.* Avukat tal-Istat, Kost. 30 ta' Novembru 2022 (rik. kost. nru 118/2021).

mistħoqq lill-attur bħala danni pekunjarji u non-pekunjarji għal dan il-ksur fl-ammont ta' għoxrin elf u tmien mitt euro (€20,800) b'kollox minflok fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf euro (€27,000) likwidat mill-ewwel qorti.

28. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; dawk tal-appell jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom l-attur u sehem minn erbgħa (¼) jħallsu l-avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

**Skeda A**

| | Kera fis-suq | Kera kontrollat | |
|---|---|---|---|
| 2001 | 1,208.00 | 163.05 | |
| 2002 | 1,694.00 | 326.10 | |
| 2003 | 1,694.00 | 326.10 | |
| 2004 | 1,694.00 | 326.10 | |
| 2005 | 1,694.00 | 326.10 | |
| 2006 | 1,694.00 | 326.10 | |
| 2007 | 2,375.00 | 326.10 | |
| 2008 | 2,375.00 | 326.10 | |
| 2009 | 2,375.00 | 326.10 | |
| 2010 | 2,375.00 | 326.10 | |
| 2011 | 2,375.00 | 326.10 | |
| 2012 | 3,332.00 | 326.10 | |
| 2013 | 3,332.00 | 360.00 | |
| 2014 | 3,332.00 | 360.00 | |
| 2015 | 3,332.00 | 360.00 | |
| 2016 | 3,332.00 | 360.00 | |
| 2017 | 4,673.00 | 360.00 | |
| 2018 | 2,726.00 | 210.00 | * |
| | 45,612.00 | 5,760.15 | |

| | |
|---|---|
| -30% = | 31,928.40 |
| -20% = | 25,542.72 |
| naqqas | -5,760.15 |
| Jifdal | 19,782.57 |

* seba' xhur

Mark Chetcuti
Prim Ministru

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
da